**Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili**

**Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Seduta ta’ nhar it-Tnejn 11 ta’ Gunju 2001

Citazzjoni numru 1082/95 AJM

Kawza numru

Anthony Montebello ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ Concrete Mix Limited

Vs

Charles Grech

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-3 ta’ Awissu 1995 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta li l-konvenut huwa debitur tieghu fl-ammont ta’ elf hames mija sebgha u hamsin lira maltija (LM1,557) rappresentanti prezz ta’ “concrete mix” lilu mibjugh u kkonsenjta mill-attur; illi nonostante diversi talbiet ghal hlas inkluza permezz ta' ’ttra ufficjali datata 29 ta' ’arzu 1994, il-konveut baqa' inadempjenti u ma hallasx; talab li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine l-ammont ta’ LM1,557 rappresentanti prezz ta’ “concrete mix” lilu mibjugh u kkonsenjat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 29 ta’ Marzu 1994 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda ta’ l-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fil-25 ta’ Marzu 1996 li permezz taghha eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjes stante t-tpacija tal-ammont mitlub ma’ prezz ta’ xoghol ta’ aluminium ordnat mill-attur noe minghand il-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xhieda tal-konvenut.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

F’dawn il-proceduri kull ma xhed kien l-konvenut li qed isostni li kien sar arrangament bejnu u l-attur biex hu jipproduci aperturi tal-aluminium fuq ordni tal-attur filwaqt li s-socjeta’ attrici tikkonsenjalu kwanti ta’ concrete mix u b’hekk il-kontijiet jigu pacuti.

L-attur qatt am ressaq provi mentri l-konvenut pprezenta diversi fatturi ossia ordnijiet ta’ xoghol ta’ aluminium iffirmati mill-attur li juru li l-ammont dovut lilu ghax-xogholijiet hekk ordnati kien jammonta

ghas-somma ta' LM3653 filwaqt li skond prospett minn ppresentat, liema prospett jirrfletti notamenti li saru mill-istess konvenut fuq id-dokument CG4 tergo, jirrizulta li l-ammont dovut minnu ghall-concrete lilu suplit kien ta' LM3054, biex b'hekk fadal kreditu favur il-konvenut fl-ammont ta' LM599.

Jigi rilevat li f'din il-kawza kien hemm erba' differimenti ghall-provi ta' l-attur, meta dan qatt ma ressaq provi u ghalhekk il-kawza thalliet sine die fil-15 ta' Ottubru 1997. Sussegwentement l-kawza giet differita tlettx 'l darba ghan-notifika tal-partijiet jew tal-konvenut wahda bl-avviz tad-data tar-riappuntament tal-kawza. Meta finalment l-konvenut gie notifikat, fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru 2000 l-attur iddikjara li ma kellux aktar provi.

Mir-rizultanzi processwali jidher li l-ftehim ta' tpacija allegat mill-konvenut mhux kkontestat mill-attur u lanqas ma jirrizulta li l-konteggi minnu ppresentati ma huma kkontestati. F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ghandha taccetta li kien hemm arrangamenti bejn il-kontendenti biex il-krediti reciproci jigu kkancellati jew pacuti ma debiti ohra u li ma hemm ebda ammont dovut lill-attur.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut tichad it-talba attrici bl-ispejjes kontra l-attur.

Onor Imhallef Albert J. Magri